MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 177/2009

**Go p.l.c. (C – 22334)**

**vs**

**Mario Magri (I.D.243365M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u sitta u sittin Euro u sitta u hamsin (€1,266.56), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici n konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21639713 (AT935/89 AC10039517) skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont id-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba :

IZY1 propsett ghas-servizz relattiv
IZY2 ftehim dwar is-servizz telefoniku

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u sitta u sittin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1,266.56), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------